MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 624/2006

**Elizabeth Claire Mikkelsen Bartolo**
**vs**
**Oliver Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici tal-10 ta’ Lulju 2006 li jghid hekk:

1. Fid-29 ta' Dicembru 2002 ghal habta tal-10.20a.m., waqt li l-esponenti kienet qed issuq il-vettura Nru. FBD 691, proprjeta' taghha, fi Triq I-Gholjiet, Mellieha, hija sfat involuta f'incident awtomobilistiku mal-vettura Nru. LCE 843 misjuqa mill-konvenut. (DOK. ZM1);

2. Konsegwenza tal-incident, l-esponenti garrbet "damnum emergens" fosthom hsara fil-vettura taghha, telf ta' dhul, spejjez ta' tobba, u spejjez ghal kura u medicini, kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Konsegwenza tal-incident, l-esponenti garrbet ukoll "lucrum cessans" minhabba d-debilita' permanenti riskontrata u accertata. (DOK.ZM2);

4. Ghall-incident u konsegwenzjali danni reklamati mill-esponenti kien jahti unikament il-konvenut minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

5. Minkejja li l-konvenut kien interpellat permezz ta' ittra interpellatorja u ittra ufficjali sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni tal-attrici, huwa baqa' nadempjenti;

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza fejn l-attrici qed titlob li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq deskritt u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrbet l- attrici;

2. Tillikwida d-danni kollha tal-attrici, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut lilha in linea ta' danni;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-3 ta' Marzu 2003, dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Dicembru 2004 u dawk tal-ittra ufficjali bid-data tal-lum presentata kantra l-assikurazzjoni tal-konvenut ghall-finijiet tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti stante illi l-incident stradali ma sehhx tort tal-intimat imma tort tal-istess rikorrenti minhabba imprudenza, imperizja,

negligenza w inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku, u dana kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, fi kwalunkwe kaz, ir-rikorrenti trid taghmel il-prova tad-danni, inkluz "damnum emergens", li hija qeghda tghid soffriet in segwitu l-istess incident;

3. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-4 ta' Ottubru 2011;

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza dwar incident stradali li sehh fil-31 ta' Dicembru 2002 mhux kif erronjament indikat fil-premessi tar-rikors guramentat bhala 29 ta' Dicembru 2002. L-attrici kienet issuq Citroen FBD 691 u kienet issuq fi Triq l-Gholjiet, Mellieha intenzjonata biex tieqaf x'imkien f'dik it-triq biex tmur tixtri minn hanut li qieghed fil-kanturiera bejn Triq l-Gholjiet u Triq in-Nahal fuq il-lemin taghha. Ghal precizjoni dan il-hanut hu immarkat bl-ittra 'X' fuq l-iskizz tal-pulizija a fol. 7 tal-process, liema kantuniera hi l-aktar wahda imbeghda mnejn sehh l-incident mal-lemin taghha fi Triq in-Nahal. Oliver Azoppardi kien isuq il-vann tax-xoghol Isuzu LCE 843 gej minn Triq in-Nahal u intenzjonat jikser max-xellug fi Triq l-Gholjiet. L-impatt sehh fl-inkrocju. Din hi l-verzjoni tal-partijiet mix-xiehda taghhom.

**Lok tal-incident**

Jinghad qabel xejn illi fi zmien l-incident is-senjaletika tat-triq kienet is-segwenti kif tidher mill-iskizz tal-pulizija PC 1403 Anthony Spiteri redatt minnu stess. Dan l-iskizz hu to scale inkwantu l-vecturi pero fix-xiehda li ta ma kienx cert jekk l-iskizz kienx skalat anki fir-rigward tal-konfigurazzjoni u wesghat tat-toroq.

Triq l-Gholjiet mnejn kienet gejja l-attrici hi triq two way b'vetturi jipparkjaw fuq iz-zewg nahat tat-triq, dawk fuq il-lemin taghha bil-genb mal-bankina u dawk fuq ix-xellug wicchom mal-bankina (ara ritratt esebit minnha senjatament ECM3). Fl-inkrocju ma' Triq l-Gholjiet hemm Triq in-Nahal fuq il-lemin u trejqa zghira fuq ix-xellug li taghti ghal Main Street, Mellieha cioe it-triq principali. Fi zmien l-incident u anki illum vetturi gejjin minn Triq l-Gholjiet bhall-attrici ma setghux jiksru max-xellug lejn it-tieqa u lemin lejn Triq in-Nahal ghax dawk it-toroq huma a senso unico kontra d-direzzjoni li kienet issuq fiha l-attrici. L-unika opzjoni ghall-attrici hi li tibqa' ssuq fid-dritt fi Triq l-Gholjiet wara li taqbez il-fetha ma' Triq in-Nahal liema parti ta' Triq l-Gholjiet kif taqbez l-inkrocju ma' Triq in-Nahal issir a senso unico fid-direzzjoni li riedet tiehu l-attrici. Fil-fatt Triq in-Nahal hi a senso unico mid-direzzjoni li kien gej minnha l-konvenut. Il-konvenut kellu l-opzjoni gej minn Triq in-Nahal li jikser jew max-xellug jew mal-lemin fi Triq l-Gholjiet pero ma setax jibqa' niezel dritt biex jidhol f'Main Street peress illi t-trejqa zghira faccata ta' Triq in-Nahal kif taqbez Triq l-Gholjiet hi a senso unico minn Main Street lejn Triq l-Gholjiet biss.

Jirrizulta illi wara l-incident saret linja mhux kontinwa biex tiddelinea l-kareggjati fi Triq l-Gholjiet mnejn kienet gejja l-attrici, kif ukoll saret stop sign f'tarf Triq l-Gholjiet ma' Triq in-Nahal. Dan sar f'Novembru 2003, sena wara l-incident u hu konfermat minn Carmel Debono, Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Mellieha (ara xiehda a fol. 71 tal-process u pjanta esebita minnu a fol. 62 tal-process Dok. CD1). Ghal bqija s-senjaletika baqghet li kienet fi zmien l-incident. Il-Qorti, ghas-sejbien ta' responsabilta hi marbuta mis-senjaletika ezistenti fi zmien l-incident ghax din kienet is-senjaliteka li maghha setghu jirregolaw is-sewqan taghhom is-sewwieqa. Inoltre hu principju regolatur li hadd ma jista' jinstab responsabbli a bazi ta' regolarment li ma kienx jezistu fiz-zmien tad-dannu.

Tenut kont ghalhekk tal-fattispeci tat-toroq fi zmien l-incident, il-Qorti tqis li l-konfigurazzjoni tat-toroq kienet wahda maghrufa bhala T-Junction bil-parti l-mimuda, cioe t-through road, hi l-parti li minnha kienet gejja l-attrici, u l-

parti l-wieqfa hi dik li kien gej minnha l-konvenut. Ghalkemm hu minnu illi traffiku jista’ jidhol minn Main Street ghal Triq l-Gholjiet pero ghal finijiet ta’ dan l-incident jirrizulta illi l-konvenut ma kellux opzjoni li jibqa’ jsuq fid-dritt izda seta’ jikser biss fuq ix-xellug u lemin ta’ Triq l-Gholjiet minhabba s-senjalitika tat-toroq u ghalhekk ghal dak li jinteressa l-partijiet f’din il-kollizjoni, il-konfigurazzjoni kienet dik ta’ T-Junction.

**Provi**

Il-partijiet jaqblu fuq zewg punti. L-ewwel li ma rawx lil xulxin qabel l-incident u t-tnejn kienu in motion bla ma hadd zamm jew kellu opportunita jzomm brakes tant li l-pulizija li investiga l-incident ma irriskontra ebda brake marks. Fit-tieni lok il-partijiet jaqblu li fl-inkrocju fejn habtu kien hemm vann tal-ispirti fl-inkrocju u wieqaf fi Triq l-Gholjiet liema vann jidher car fir-ritratti esebiti ECM3 u ECM5. Dan kien qed jostakola l-vizwali taz-zewg sewwieqa fiz-zewg direzzjonijiet li riedu jiehdu huma u javvicinawh. Ghalkemm dan il-vann ma jidhirx li kien jisporgi wisq fi Triq in-Nahal kif jidher f’ritratt ECM2 pero kien bizzejjed biex iz-zewg sewwieqa versosimilment ma jkunx f’pozizzjoni li jaraw lil xulxin jekk mhux meta jigu fuq xulxin. Dan il-vann ghen biex issawwar l-incident pero ma kienx il-kagun tal-incident. Ostakolu fit-triq li kien in piena vista ta’ min qed javvicinah jinkombi fuq dan tal-ahhar li jadegwa s-sewqan tieghu biex dan l-ostaklu jissuperah b’kawtela u ma jkunx ta’ tfixkil jew periklu ghal kontinwazzjoni tas-sewqan fit-triq.

L-iskizz u r-ritratti juru illi l-habta grat ghal nofs il-fetha fi Triq l-Gholjiet. Il-konvenut jidher bi drittu wieqaf jimblokka l-fetha ta’ Triq l-Gholjiet mnejn kienet hierga l-attrici. Mir-ritratti esebiti senjatament dawk tad-debris tal-incident, jidher li l-vettura tal-attrici kienet harget kwazi b’tulha kollu mill-parti ta’ Triq l-Gholjiet kantuniera ma’ Triq in-Nahal (ara ritratti Dok. ECM4 u ECM5) u l-pozizzjoni tal-vettura tal-attrici tidher iktar lura ghax hu verosimili, kif xehdet hi

stess, illi wara l-habta l-vettura taghha regghet lura bl-impatt. L-impatt fil-vettura tal-attrici kien mal-faccata kollha bid-daqqa tibda mill-lemin ghax-xellug mentri l-hsara fil-vann tal-konvenut kienet fuq il-genb fil-parti tax-xellug ta' quddiem. Kif inghad jidher li hadd mill-partijiet ma kien wieqaf jew ser jieqaf qabel sehh l-impatt.

In materja legali intqal fl-Appell Kriminali Inferjuri, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Natasha Mohnani**, deciza fil 11 ta' Lulju 2001:

min ikun hiereg ghal fuq it-"through road" f'T-Junction ghandu tlitt doveri: 1. dak li tieqaf kompletament biex tesplora it-through road U TIBQA' WIEQFA sa kemm tkun certa li tista' tinvadiha; 2. li izzomm kemm jista' jkun lejn ix-xellug tal-bokka wiesgha tal-junction u 'l gewwa mill-linja tat-triq biex b'hekk ikollha l-ahjar vizwali possibbli bla ma tintralcja fuq il-flow tat-traffiku transitanti fuq it-through road; u 3. li izzomm "a proper lookout" ghal traffiku gej miz-zewg nahat , partikolarment ghal traffiku gej minn fuq il-lemin taghha.
Hu dover ta' "driver to see what is in plain view" u li "min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout".

Illi kif dejjem gie ritenut, "ghalkemm driver ghandu joqghod dejjem attent , sija jekk ikun fuq it-triq id-dritta, kemm ukoll jekk ikun sejjer jidhol fiha, hu intuwittiv li id-driver li jkun sejjer jidhol fit-triq id-dritta minn triq ohra, ghandu obbligu akbar minn dak tad-driver fuq it-triq id-dritta, u dana ghas-semplici raguni li hu jkun ser jaqsam l-"stream of traffic" li jkun hemm fuq it-triq id-dritta, mentri id-driver fuq it-triq id-dritta , ladarba ser ikompli ghad-dritt , ma jkun ser ifixkel lil hadd" (Kollez Vol XXXVI, iv p797 ).

Minn din is-sentenza jidher car illi kien l-obbligu principali tal-konvenut, iktar u iktar rinfaccat b'ostakolu, illi jirregola b'attenzjoni u prudenza kbira s-sewqan tieghu hu u diehel fil-parti dritta tat-T-Junction fejn id-dritta li tibqa' ssuq kien jispetta lill-attrici. Dan jidher li l-konvenut injorah kompletament tenut kont tan-natura tal-hsara kagunata. Ghalkemm ma jidhirx li l-vetturi kienu ghaddejjin b'xi

speed eccessiv, f'dik il-parti tat-triq kien jinkombi fuq il-konvenut illi juza' prudenza massima. Il-konvenut ma jidher li ghamel xejn minn dan izda baqa' hiereg ghal Triq l-Gholjiet fejn f'nofs il-wisa' taghha circa, sab lil vettura tal-attrici hierga fid-dritt u baqa' diehel fiha u waqaf il-quddiem minnha.

Ma irrizultax li l-konvenut ha xi prekawzjonijiet hu u jaffronta liwja (billi jixhed li ried jikser max-xellug fi Triq l-Gholjiet) b'vizwali limitata minn triq li fil-konfigurazzjoni taghha kienet timponi fuqu obbligu magguri.

Kif qalet il-Qort fil-kawza **Middle Sea Insurance Company Ltd et vs Stuart Psaila** (PA 08.10.2004):

"Illi in tema legali jigi osservat li, rigwardanti l-mod ta' sewqan meta sewwieq ikun qed jiffaccja liwja fit-triq, gew enunclati fil-gurisprudenza s-segwenti principji. F'dawn ic-cirkostanzi, is-sewweiq ghandu l-obbligu li jzomm sewwa fuq in-naha tieghu tat-triq u jekk hemm bzonn isuq fuq gear baxx, u anke jdoqq il-horn skond il-htiega. Inoltre,"in taking a bend, a driver must, besides slackening his speed, drive in such a manner as to have the car under control and thus be able to avoid the dangers which one may encounter when taking a corner - Vol XXX 573 647. Aktar ma tkun kbira l-kisra u aktar ma tkun ristretta l-vizwali tas-sewwieq, akbar ikun l-obbligu tieghu li jassigura li jista' jsuq minghajr perikolu ghat-traffiku li jkun gej mill-faccata."

Il-Qorti tosseva wkoll illi l-pozizzjoni tal-konvenut fit-triq hi ftit stramba. Hu jinsisti li ried jikser max-xellug fi Triq l-Gholjiet izda jidher kemm mid-danni kif ukoll mill-pozizzjoni tieghu mill-impatt illi ma kienx miksur biex jigbed ghax-xellug fi Triq l-Gholjiet izda ghad-dritt kif baqa' mal u wara l-impatt. Din il-pozizzjoni tieghu fit-triq taghti versosimiljanza lil verzjoni tal-attrici illi l-konvenut ma kienx ser jikser ghax-xellug izda ser jaqsam kontra l-one way fit-trejqa faccata ta' Triq in-Nahal biex johrog mill-ewwel f'Main Street. Il-pozizzjoni tal-vann mhix kompatibbli ma' vettura li ser tibda tikser fuq ix-xellug. Il-konvenut fil-fatt jixhed biss li meta sehh l-incident kien

ghadu fid-dritt u ma bidiex jikser. Pero il-pozizzjoni tad-debris hu indikattiv illi l-vann kien issupera l-angolu li ried jiehu biex jikser max-xellug sakemm ma kienx intenzjonat jikser ghat-Triq l-Gholjiet fuq il-karriggata tal-lemin tieghu cioe wrong side. Dan ikompli jpoggi f'riskju akbar in-nuqqas tal-konvenut li jrregola ruhu sew fis-sewqan fejn il-vizwali tieghu ghalhekk kienet diretta fuq il-faccata u mhux fuq ix-xellug mnejn jixirfu vetturi minn Triq l-Gholjiet.

Il-Qorti tirrimarka illi l-pozizzjoni tal-vettura tal-attrici fi Triq l-Gholjiet ma kienitx max-xellug izda pjuttost aktar lejn il-lemin. Hi tixhed illi l-parti tat-Triq l-Gholjiet kif taqbez Triq in-Nahal hi idjeq u jfisser li s-sewqan taghha kellu jigi regolat skond il-konfigurazzjoni tat-toroq. Hu minnu illi mir-ritratti u mix-xiehda tal-attrici stess inkontroezami, jidher li kienet izzomm aktar lejn il-lemin ta' Triq l-Gholjiet milli lejn ix-xellug. Pero jigi relevat illi l-habta ma sehhitx ghax il-konvenut kiser fi Triq l-Gholjiet u sab lill-attrici fil-kantuniera fuq in-naha hazina tat-triq izda l-incident sehh meta l-attrici kienet harget minn Triq l-Gholjiet u kienet fil-fetha tal-istess triq kantuniera ma' Triq in-Nahal. Kwindi l-causa prossima tal-incident ma kienx u ma setax ikun il-pozizzjoni tal-attrici fit-triq u lanqas il-fatt li ma waqfitx fl-inkrocju. Ma kellha ebda obbligu tieqaf izda li ssuq bil-mod fid-dritt. Ma giex ippruvat xi sewqan traskurat jew speed eccessiv daparti tal-attrici li seta b'xi mod ikkontribwixxa ghall-hsara sofferta, tant hu hekk illi bid-daqqa li sofriet tul il-faccata hi ma spustatx ruhha izda biss regghet ftit lura bl-istess impatt.

Ghalhekk il-Qorti issib lil konvenut responsabbli ghall-incident.

**Danni**

<u>Damnum emergens</u>. L-attrici esebit zewg ricevuti ta' hlasijiet tal-konsulent mediku (Dok. ZM5 u ZM6) ammontanti ghal tmenin lira Maltin (Lm80 = €186.40). Ma gewx esebiti ebda hlasijiet ohra medici. Dawn l-ammonti jirrizultaw gustifikati.

L-attrici wkoll esebit survey report maghmul mill-assikurazzjoni tal-konvenut fejn gie relevat illi l-hsara fil-vettura taghha kien beyond economic repair u l-vettura stmata elf lira Maltin (Lm1,000 = €2,330). Ir- wreck value taghha hu ta’ mija u hamsin lira Maltin (Lm150 = €349.50). L-attrici tixhed li ppruvat tbiegh il-vettura pero ma sabet lil hadd interessat u ghalhekk tatha b’donazzjoni lil terzi. Il-Qorti tqis li l-iskop tar-risarciment ghandu jkun li tpoggi lill parti danneggjata fl-istess sitwazzjoni li kienet qabel l-incident. L-attrici ma rrikavat xejn mill-vettura u ghalhekk ghandha tigi risarcita l-valur per accident taghha cioe €2,330 mnaqqas pero r-wreck value li hi ghazlet ma tirkuprahx billi tbiegh il-vettura ghall-iscrap. La draba zammet il-vettura hi, kellha kull obbligu li timminimizza d-danni u l-fatt li volontarjament hi ghazlet li taghti b’xejn il-vettura minghajr ma ppruvat li tirkupra dak li setghet, cioe r-wreck value, ma ghandux ibatih id-danneggjant. Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Michael Camilleri vs Joseph Saliba**, (PA 28.03.2003):

"il-principji generali regolanti materja ta' rizarciment ta' danni, kompriz ghalhekk id-deprezzament, hi di regola li d-danneggjat ghandu dritt jikkonsegwixxi rizarciment li jirrientegra l-patrimonju tieghu minn kull konsegwenza ekonomika ta' l-event dannuz u ghalhekk f'kaz ta' rizarciment *par equivalent* ghandu jikkonsisti f'somma li tekwipara l-valur ta' l-utilitajiet mitlufa" - "**Antonia Zammit -vs- Mario Calleja**", Appell, Sede Inferjuri, 12 ta' Jannar 1977; "**Edgar Sant -vs- Peter Borg**", Prim' Awla, Qorti Civili, 3 ta' Ottubru 1979;

Naturalment din ir-regola tar-"*restitutio in integrum*" hi kwalifikata minn regola ohra li timponi fuq l-attur id-dmir li jiehu l-mizuri kollha ragjonevoli biex jimmitiga t-telf li jkun garrab bhala konsegwenza tal-fatt illecitu, b'mod li jista' jigi ezkluz, fil-kazijiet kongruwi, mir-rizarciment ta' dik il-parti tad-danni dovuta ghan-nuqqas tieghu li jiehu dawk il-passi. ("**Joseph Aquilina -vs- Emanuele Schembri**", Appell Civili, 24 ta' Jannar 1969);

Ghalhekk l-ammont rikuperabbli mill-attrici tal-vettura ghandu jkun b’sens ta’ ekwita ibbazat fuq dak li trid il-ligi, il-valur tal-vettura pre accident mnaqqas bir-wreck value cioe €1,980.50.

Lucrum cessans. Skond ir-rapport mediku mahrug mill-espert mediku Norbert Vella a fol. 198 tal-process jirrizulta illi l-attrici, kawza tal-incident qed issofri minn hamsa fil-mija (5%) dizabilita. Dan ir-rappport ma giex kontradett mill-partijiet ghalkemm l-espert mediku exparte ikkwalifika d-debilita permanenti bhala  ghaxra fil-mija (10%). Din il-Qorti tqis li ghandha toqghod fuq ir-rizultanzi tal-espert mediku tal-Qorti li kellu opportunita jezamina lill-attrici ricentement u ghalhekk kien fl-ahjar pozizzjoni li jivvaluta l-istat ta’ sahha taghha attwali u konsegwenti dizabilita.

Il-Qorti wkoll ma ghandhiex dubbju li l-kawza tad-dizabilita kienet konsegwenza diretta tal-habta fejn sofriet daqqa fuq rasha u ghonqha. Il-konsultent mediku Anthony Galea Debono li l-attrici bdiet tara xi xhur wara l-incident u wara li giet riferita ghalih mit-tabib kurrenti taghha minhabba l-ugiegh f’rasha, ma kellux dubbju li s-sintomi li kienet tilmenta minnhom l-attrici kienu kompatibbli mas-sinjali li sab mill-ezamijiet medici li ghamel.

Introjtu. L-incident sehh fl-ahhar tal-2002. f’dak iz-zmien l-attrici kienet impjegata u kellha paga ta’ Lm3,429 jew €7,989.57. Dan hu l-introjtu li ghandu jittiehed bhala bazi ghad-danni. Irid jittiehdu wkoll in konsiderazzjoni wkoll iz-ziedet li jsiru tul iz-zmien u wara li l-Qorti qieset il-multiplier li ser jintuza u meta sehh l-incident l-introjtu li ghandu jigi applikat qed jitqies li hu ta’ €9,500, irrispettivament jekk fl-intervall mall-incident ’l hawn l-introjtu zdidx jew naqas.

Multiplier. L-attrici kellha 42 sena meta sehh l-incident skond l-ID taghha 466760M. Jekk tqis ic-chances and changes of life din il-Qorti tqis li l-multiplier li ghandu jintuza hu ta’ 18-il sena.

B’hekk id-dannu ta’ telf futur ghandu jigi komputat kif gej cioe €9,500 x 18 x 5% = €8,550.

Lump sum payment. L-incident sehh fl-2002 u l-kawza giet prezentata fl-2006. ghalhekk ghal fini ta’ tnaqqis ta’ lump sum payment il-Qorti ser tnaqqas 8% applikat il-principju li ntuza b’konsistenza fil-kawza fl-ismijiet **Mark Caruana vs Grazio Camilleri** (PA 05.10.1993), li jgib id-dannu ghal lucrum cessans ghal €7,866.

Ghalhekk l-ammont dovut ghal damnum emergens hu ta’ €2,166.90 li flimkien mal-ammont dovut ghal lucrum cessans cioe €7,866 igib total ta’ €10,032.90.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa’ t-talbiet attrici billi:

1. Tiddikjara lil konvenut responsabbli ghall-incident awtomobolistiku li sehh fil-31 ta’ Dicembru 2002 fil-Mellieha;

2. Tikkundanna lil konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ ghaxart elef u tnejn u tletin ewro u disghin centezmu (€10,032.90) in linea ta’ danni sofferti;

Bl-imghax legali jbda jiddekorri mid-data tas-sentenza u bl-ispejjez kollha a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------